

Stqarrija għall-Istampa tal-FRA
Vjenna/Brussell, 4 ta' Diċembru 2018

tieles li tagħżel, tieles li tiddeċiedi għal persuni b'diżabilità

Li wieħed jagħżel fejn joqgħod, ma' min, u x'iekol, u meta, huma xi wħud mir-realitajiet ta' għajxien indipendentli li ħafna minna nieħdu bħala stat ta' fatt. Iżda għal persuni b'diżabilitajiet it-teorija u l-prattika jistgħu jkunu differenti minn xulxin, skont l-aħħar rapport tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali. Huwa jesplora dak li jippermetti u dak li jfixkel il-mixja lejn għajxien indipendentli fil-komunità għal persuni b'diżabilità.

"Kulħadd jitwielek tieles u għandu jkollu d-dritt li jagħżel u jiddeċiedi kif jgħixx ħajtu", qal id-Direttur tal-FRA [Michael O'Flaherty](#). "L-għoti tas-setgħa lil persuni b'diżabilità biex ikunu membri sħaħ u indipendentli tal-komunità jippermettilhom li jgawdu d-drittijiet kollha tagħhom u li jinvolvu ruħhom b'mod attiv fis-soċjetà."

Ir-rapport "[Minn istituzzjonijiet għal għajxien fil-komunità għal persuni b'diżabilità: Perspettivi mil-lat prattiku](#)" huwa bbażat fuq l-esperjenzi tan-nies involuti direttament fit-tranżizzjoni għal ħajja indipendentli. Dan jinkludi nies b'diżabilità u l-familji tagħhom.

Huwa jenfasizza l-qafas legali b'saħħtu fl-UE u fl-Istati Membri tagħha biex jappoġġja din it-tranżizzjoni, bħall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità tan-NU (CRPD) u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, u impenji riċenti, bħall-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Madankollu, in-nuqqas ta' servizzi ta' appoġġ disponibbli u bi prezz raġonevoli, stigma persistenti u diskriminazzjoni, u ambjenti inaċċessibbli jfixklu lin-nies b'diżabilità milli jilħqu bis-sħiħ id-drittijiet legali tagħhom. Ir-rapport jissuġġerixxi modi kif dan jista' jiġi evitat, bħal:

- L-Istati Membri kollha għandhom jiġguraw li jkun hemm miri u skadenzi ċari b'finanzjament suffiċjenti, inklużi fondi tal-UE, biex in-nies b'diżabilità jkunu jistgħu jgħixu b'mod indipendentli fil-komunità.
- L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom iqajmu kuxjenza dwar il-benefiċċji ta' għajxien indipendentli, inkluż billi jużaw stejjer personali biex ikomplu jbiddlu b'mod pożittiv l-attitudnijiet lejn il-persuni b'diżabilità.
- L-Istati Membri għandhom jikkoordinaw l-isforzi kollha biex jappoġġaw u jipprovd servizzi għal għajxien indipendentli. Dan jinkludi l-involviment b'mod sħiħ ta' persuni b'diżabilità u organizzazzjonijiet fuq quddiem fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-iffurmar tal-politiki.
- L-Istati Membri għandhom joffru gwida prattika u taħriġ dwar kif ikun l-aħjar mod kif l-għajxien indipendentli jsir reallta.
- L-Istati Membri għandhom joffru servizzi speċjalizzati u jagħmlu s-servizzi ġenerali aċċessibbli biex jaħsbu għall-firxa wiesgħa ta' htiġiġiet ta' persuni b'diżabilità. Dan jinvolvi wkoll l-għoti tal-poter lilhom bil-ħiliet biex jgħixu b'mod indipendentli.

Ir-rapport huwa bbażat fuq xogħol prattiku fil-Bulgarija, il-Finlandja, l-Irlanda, l-Italja u s-Slovakkja. Iżda l-fehim ta' x'jaħdem u x'ma jaħdimx, u għaliex, japplika għall-Istati Membri kollha.

**Għal stejjer personali, infografija, studji ta' każijiet nazzjonali u aktar,
ikkonsulta l-press pack jew ikkuntattja lil: media@fra.europa.eu / Tel.: +43 1 580
30 642**